



Brussell, 15 ta' Frar 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2019/0036(NLE)

6477/19
ADD 1

COEST 45
ENER 82

PROPOSTA

minn: Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 11 ta' Frar 2019

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2019) 74 final

Suġġett: ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem I-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn I-UE u I-Ukrajna li jemenda I-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn I-Unjoni Ewropea u I-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u I-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u I-Ukrajna min-naħħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 74 final.

Mehmuż: COM(2019) 74 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.2.2019
COM(2019) 74 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta'
Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna li jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta'
Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-
Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u l-Ukrajna min-naħħa l-oħra

MT

MT

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2019 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-UKRAJNA

tal-... 2019

Li temenda l-Anness XXVII għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukrajna, min-naħħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-UKRAJNA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħħa l-oħra u b'mod partikolari l-Artikolu 463 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u l-Ukrajna, ġie ffirmat fil-21 ta' Marzu u s-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi x-xewqa tal-Partijiet li jmexxu r-riforma u l-proċess ta' approssimazzjoni 'l quddiem fl-Ukrajna, u b'hekk jikkontribwixxu għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika kif ukoll għall-kisba ta' integrazzjoni ekonomika permezz ta' approssimazzjoni regolatorja estensiva. Il-preambolu jirreferi wkoll għall-impenn tal-Partijiet li jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija billi, fost l-oħrajn, iżidu l-integrazzjoni tas-suq u l-approssimazzjoni regolatorja lejn l-elementi ewlenin tal-acquis tal-UE.
- (3) Barra minn hekk, il-Memorandum ta' Qbil bilaterali bejn l-UE u l-Ukrajna dwar Shubja Strateġika dwar l-Enerġija tal-24 ta' Novembru 2016 jirrikonoxxi li l-għan ta' kooperazzjoni intensifikata fil-qasam tal-enerġija u tar-riforma tas-settur tal-enerġija huwa l-integrazzjoni sħiħa tas-swiegħ tal-enerġija tal-UE u l-Ukrajna.
- (4) L-Artikolu 1 tal-Ftehim jirreferi għall-ġħan li jiġu appoġġati l-isforzi tal-Ukrajna biex titlesta t-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq li tiffunzjona permezz ta', *inter alia*, l-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni.
- (5) Skont l-Artikolu 273 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, kif imsemmi fl-Anness XXVII għall-Ftehim, biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għat-trasport tal-elettriku u tal-gass ikunu oġġettivi, raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji.

- (6) Barra minn hekk, bil-ħsieb li jsir progress lejn l-integrazzjoni tas-suq, l-Artikolu 337 tal-Ftehim jipprevedi li l-Partijiet ikomplu u jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet tal-enerġija, inkluż permezz tal-approssimazzjoni gradwali fis-settur tal-enerġija.
- (7) L-Artikolu 341 tal-Ftehim jistipula li l-approssimazzjoni gradwali fis-settur tal-enerġija għandha tiproċedi skont skeda kif stabbilit fl-Anness XXVII tal-Ftehim.
- (8) L-Artikolu 474 tal-Ftehim itenni l-impenn ġenerali li l-Ukrajna twettaq l-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, inkluż fis-settur tal-enerġija.
- (9) L-acquis tal-UE fis-settur tal-enerġija evolva b'mod sostanzjali minn meta ġie konkuż il-Ftehim, kif ukoll l-obbligi tal-Ukrajna li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Ftehim u s-sħubija tiegħu fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija. Jeħtieġ li din l-evoluzzjoni tīgi riflessa fl-Anness XXVII tal-Ftehim li għalhekk jenħtieġ li jiġi aġġornat.
- (10) L-Artikolu 475 tal-Ftehim jiddefinixxi f'termini ġenerali l-monitoraġġ tal-progress fl-approssimazzjoni tal-liġi tal-Ukrajna mal-liġi tal-UE, inklużi aspetti ta' implimentazzjoni u infurzar. Huwa jipprovdli li l-proċess ta' rappurtar u valutazzjoni se jqis il-modalitajiet speċifiċi definiti fil-Ftehim jew fid-deċiżjonijiet tal-korpi istituzzjonali stabbiliti skont dan il-Ftehim.
- (11) Sabiex tīgi żgurata implementazzjoni aktar effettiva tar-riformi mill-Ukrajna, huwa meħtieġ li jissahħħah il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għar-riforma fis-settur tal-enerġija sabiex ir-riformi miksuba jkollhom karattru irriversibbli u b'hekk jikkontribwixxu b'mod dejjiem għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija.
- (12) Skont l-Artikoli 463 (1) u (3) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna (“il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni”) jista' jadotta deċiżjonijiet bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, hija tista' taġġora jew temenda l-Annessi għall-Ftehim, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE u l-istandardi applikabbi stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa rilevanti mill-Partijiet.
- (13) Għalhekk, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim biex jipprovd għal regoli aktar dettaljati għall-monitoraġġ tal-approssimazzjoni tal-liġi Ukrena mal-liġi tal-UE fis-settur tal-enerġija. Għal dak il-għan, dispożizzjonijiet xierqa li jsaħħu l-proċess ta' monitoraġġ għandhom jiġu inklużi fl-Anness XXVII tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness XXVII tal-Ftehim qed jiġi sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ... ,

Għall-Kunsill ta' Assoċċajazzjoni

Il-President

ANNESS

“ANNESS XXVII GĦAL KAPITOLU 1

KOOPERAZZJONI FL-ENERĠIJA, INKLUŻI KWISTJONIJIET NUKLEARI

ANNESS XXVII-1

MONITORAĠĠ TAL-APPROSSIMAZZJONI FIS-SETTUR TAL-ENERĠIJA

Bil-għan li jsaħħu il-monitoraġġ tal-aprossimazzjoni tal-acquis tal-UE għas-setturi tal-enerġija fil-liġi domestika tal-Ukrajna u li tinkiseb modernizzazzjoni dejjiema tas-setturi tal-enerġija tal-Ukrajna, il-Partijiet għandhom japplikaw il-miżuri addizzjonali li ġejjin, f'konformità mal-Artikolu 475(2) tal-Ftehim. Dawn il-miżuri ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi ta' kwalunkwe Parti li jirriżultaw mis-ħubija tagħhom fit-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija.

Implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma minnufih lill-Ukrajna dwar kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex tadotta jew temenda kwalunkwe att tal-UE li jibdel l-acquis tal-UE elenkat f'dan l-Anness.
2. L-Ukrajna għandha tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-atti domestiċi approssimati u tieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex tirrifletti l-iżviluppi fil-liġi tal-Unjoni fil-liġi domestika tagħha fis-setturi tal-enerġija, kif elenkat fl-Anness XXVII-2. B'mod partikolari, kwalunkwe att li jikkorrispondi għal:
 - a. Regolament jew Deċiżjoni tal-UE għandhom isiru parti mill-ordni legali intern tal-Ukrajna;
 - b. Direttiva tal-UE għandha tkalli l-għażla tal-forma u l-metodu ta' implimentazzjoni f'idējn l-awtoritajiet tal-Ukrajna;
 - c. Regolament tal-Kummissjoni dwar kodiċi tan-netwerk fis-setturi tal-elettriku jew tal-gass għandu jsir parti mill-ordni legali intern tal-Ukrajna mingħajr tibdil fl-istruttura u t-test tar-Regolament minbarra t-traduzzjoni, sakemm dawn il-bidliet ma jiġux indikati kif meħtieġ mill-Kummissjoni Ewropea.
3. L-Ukrajna għandha żżomm lura minn kwalunkwe azzjoni li timmina l-għan jew l-eżitu tal-aprossimazzjoni tal-liġi domestika tagħha għall-acquis tal-UE fis-setturi tal-enerġija, kif elenkat fl-Anness XXVII-2.
4. L-Ukrajna għandha tirrevoka d-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tagħha jew twaqqaf il-prattiki domestiċi li jkunu inkonsistenti mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi domestika tagħha approssimata mal-liġi tal-Unjoni fis-setturi tal-enerġija, kif elenkat fl-Anness XXVII-2.

Konsultazzjonijiet

5. L-Ukrajna għandha tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea, fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-acquis tal-UE ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva fl-oqsma li għandhom jiġu approssimati mal-atti legali elenkti fl-Anness XXVII-2, qabel id-dħul fis-seħħ tagħha. L-obbligu ta' konsultazzjoni jinkludi l-proposti għal modifika għall-att leġiżlattiv nazzjonali diġà approssimat, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-proposta.
6. Il-Gvern tal-Ukrajna jista' jikkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-acquis tal-UE ta' kwalunkwe proposta għal att li jimplimenta l-leġiżlazzjoni fis-settur tal-enerġija, li kien jew li għandu jiġi approssimat għall-acquis tal-UE elenkat fl-Anness XXVII-2. Jekk il-Gvern tal-Ukrajna jiddeċiedi li jikkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea dwar att bħal dan, għandu jaapplika l-punt 7.
7. L-Ukrajna għandha toqgħod lura milli ddaħħal fis-seħħi l-atti ppreżentati għall-konsultazzjoni kif imsemmi fil-punti 5 u 6 qabel mal-Kummissjoni Ewropea tkun ivvalutat il-kompatibbiltà tal-att propost mal-acquis tal-UE rilevanti u meta l-Kummissjoni Ewropea tkun ikkonkludiet li l-att propost huwa inkompatibbli mal-istess acquis tal-UE.
8. Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà mill-Kummissjoni Ewropea tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-att propost, jew ta' partijiet minnu, li l-Kummissjoni Ewropea tqis inkompatibbli mal-acquis tal-UE. Għall-finijiet tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tista' tikkonsulta lis-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija jew torganizza missjonijiet ta' esperti, skont kif tqis xieraq. Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà għandha tiġi konkluża fi żmien 3 xħur mid-data tal-wasla tal-verżjoni bl-Ingliż tal-att propost, jew perjodu itwal kif jista' jiġi miftiehem bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Ukrajna. Fin-nuqqas ta' tweġiba mill-Kummissjoni Ewropea f'dak il-perjodu, l-Ukrajna tista' ddaħħal fis-seħħi l-att propost. In-nuqqas ta' tweġiba f'dak il-perjodu ma għandux jimplika li l-Kummissjoni Ewropea tqis li l-att propost huwa kompatibbli mal-acquis tal-UE.
9. L-Ukrajna tikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea l-verżjoni finali ta' kull att fl-oqsma li għandhom jiġu approssimati għall-acquis tal-UE elenkti fl-Anness XXVII-2 jew li timmodifika leġiżlazzjoni domestika approssimata fl-istess oqsma.
10. Il-Gvern tal-Ukrajna jista' jgħid kwalunkwe att jew proposta oħra fi kwistjonijiet ta' enerġija koperti minn dan il-Ftehim għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jitlob opinjoni mhux vinkolanti dwar il-kompatibbiltà tal-att mal-acquis tal-UE elenkat fl-Anness XXVII-2.
11. Il-partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kif stipulat f'dan l-Anness permezz tas-Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Rapportar lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

12. Qabel il-laqgħa annwali tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-opinjonijiet kollha mitluba minn u maħruġa lill-Ukrajna taħt dan l-Anness rigward il-konformità tal-atti domestiċi tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE.
13. L-Ukrajna għandha tirrapporta bil-miktub lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tliet xhur qabel il-laqgħa annwali tagħha, dwar il-progress li jkun sar fl-implementazzjoni tar-riforma tas-settur tal-enerġija, abbażi tal-acquis tal-UE elenkat fl-Anness XXVII-2. Dan ir-rapport għandu jindirizza fid-dettall il-mod li bih l-Ukrajna tikkunsidra l-opinjonijiet u rrakkmandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fl-att adottati tiegħu kif ukoll jipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni effettiva tal-ligħiġiet adottati.
14. Ir-riżultati tal-attivitàjiet ta' monitoraġġ għandhom jitressqu għad-diskussjoni fil-korpi rilevanti kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim, inkluż għall-fini tar-rakkmandazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 475(4) tal-Ftehim.

ANNESS XXVII-2

OBBLIGI TA' APPROSSIMAZZJONI TAL-UKRAJNA FIS-SETTUR TAL-ENERĠIJA

L-Ukrajna tidħol għall-impenn li gradwalment tقارreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati.

1. L-acquis tal-UE li l-Ukrajna impenjat ruħha li timplimenta fi ħdan il-qafas tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija. L-iskadenzi miftiehma fihom għandhom jaapplikaw għal dan l-Anness.

Elettriku

Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE

Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasprenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa

Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagħwardja tas-sigurta fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar iss-tottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' *data* fis-swieq tal-elettriku u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar il-konnessjoni tad-domanda

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 tas-26 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett

Ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE

Gass

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tkhassar id-Direttiva 2003/55/KE

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagħwardja is-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali

Ir-Regolament (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk għar-regoli dwar l-interoperabbiltà u l-iskambju ta' *data*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar il-mekkaniżmi ta' allokazzjoni tal-kapaċità fis-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 984/2013

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/460 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar strutturi tat-tariffi ta' trażmissjoni armonizzati għall-gass

Sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tkhassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE

Żejt

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi

L-infrastruttura tal-enerġija

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009

L-effiċċjenza tal-enerġija

Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tkhassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE

Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 518/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010, (UE) Nru 1060/2010, (UE) Nru 1061/2010, (UE) Nru 1062/2010, (UE) Nru 626/2011, (UE) Nru 392/2012, (UE) Nru 874/2012, (UE) Nru 665/2013, (UE) Nru 811/2013 u (UE) Nru 812/2013 dwar it-tikkettar ta' prodotti b'rabta mal-enerġija fuq l-Internet
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/254 tat-30 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) Nru 1059/2010, (UE) Nru 1060/2010, (UE) Nru 1061/2010, (UE) Nru 1062/2010, (UE) Nru 626/2011, (UE) Nru 392/2012, (UE) Nru 874/2012, (UE) Nru 665/2013, (UE) Nru 811/2013, (UE) Nru 812/2013, (UE) Nru 65/2014, (UE) Nru 1254/2014, (UE) 2015/1094, (UE) 2015/1186 u (UE) 2015/1187 fejn jidħol l-użu tat-tolleranzi fil-proċeduri tal-verifika
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 tal-1 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2011 tal-4 ta' Mejju 2011 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-bozoz tal-elettriku u l-unitajiet tat-tidwil
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE tad-19 ta' Settembru 1996 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija ta' magni tad-dar għall-ħasil u għat-tnixxif tal-ħwejjeġ f'daqqa
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal-1 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fdak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku għat-televixins
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kabinetti għall-ħażin refriġeranti professjonalni
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1094 tal-5 ta' Mejju 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kabinetti għall-ħażin refriġeranti professjonalni
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 tal-24 ta' April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakketti ta' bojler tal-fjuwil solidu, ħiters supplimentari, regolaturi tat-temperatura u apparat solari
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1187 tas-27 ta' April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakketti ta' bojler tal-fjuwil solidu, ħiters supplimentari, regolaturi tat-temperatura u apparat solari

2. L-acquis tal-UE li għandu jiġi implementat mill-Ukrajna, lil hinn mill-obbligi tal-Ukrajna fi ħdan it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija

Gass

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Netwerks ta' Trażmissjoni

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati sal-31 ta' Diċembru 2019.

Il-prospettar u l-esplorazzjoni tal-idrokarburi

Id-Direttiva 94/22/KE dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bil-kunsiderazzjoni tal-Artikoli (12 u 13) tad-dispożizzjonijiet dwar l-enerġija relatati mal-kummerċ koperti mill-Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV (Kummerċ u affarijiet relatati mal-Kummerċ).

L-effiċċjenza tal-enerġija – ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati sal-30 ta' Ġunju 2019.

Effiċċjenza tal-enerġija – ekodisinn

Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2009/125/KE għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1275/2008, (KE) Nru 107/2009, (KE) Nru 278/2009, (KE) Nru 640/2009, (KE) Nru 641/2009, (KE) Nru 642/2009, (KE) Nru 643/2009, (UE) Nru 1015/2010, (UE) Nru 1016/2010, (UE) Nru 327/2011, (UE) Nru 206/2012, (UE) Nru 547/2012, (UE) Nru 932/2012, (UE) Nru 617/2013, (UE) Nru 666/2013, (UE) Nru 813/2013, (UE) Nru 814/2013, (UE) Nru 66/2014, (UE) Nru 548/2014, (UE) Nru 1253/2014, (UE) 2015/1095, (UE) 2015/1185, (UE) 2015/1188, (UE) 2015/1189 u (UE) 2016/2281 fejn jidħol l-użu tat-tolleranzi fil-proċeduri ta' verifika

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021.

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 tat-30 ta' Novembru 2016 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tisħin tal-arja, għall-prodotti tat-tkessiħ, għaċ-ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja u għall-fannijiet konvetturi

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament

għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekiżi tal-ekodisinn għall-bojlers tal-fjuwil solidu

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekiżi tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 tal-24 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekiżi tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1095 tal-5 ta' Mejju 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekiżi tal-ekodisinn għall-kabinetti għall-ħażin refriġirat professjonal, kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida, unitajiet ta' kondensazzjoni u chillers tal-proċess
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 tas-7 ta' Lulju 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekiżi tal-ekodisinn għal units ta' ventilazzjoni

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 548/2014 tal-21 ta' Mejju 2014 dwar l-implementazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekiżi tal-ekodisinn għall-fran domestiċi, għall-ħobs domestiċi u għall-estratturi tal-kukers domestiċi

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li

jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għal ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-miħun

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal vacuum cleaners

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-komputers u s-servers

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2012 tat-3 ta' Ottubru 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-magni domestiċi tat-tnejx tal-ħwejjeġ

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 622/2012 tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2012 tal-25 ta' Ġunju 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal pompi tal-ilma

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 tas-6 ta' Marzu 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kundizzjonaturi tal-arja u l-fannijiet għall-użu personali

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011 tat-30 ta' Marzu 2011 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal fannijiet b'muturi ta' potenza elettrika input bejn 125 W u 500 kW

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1428 tal-25 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal bozoz tad-dar li ma jitfgħux id-dawl f'direzzjoni waħda kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b'discharge ta' intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip, u li jħassar id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1194/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal lampi direzzjonali, lampi b'dajowd li jemetti d-dawl u t-tagħmir relatat

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b' discharge ta' intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip, u li jħassar id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati fi żmien tliet 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1194/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal lampi direzzjonali, lampi b'dijodu li jemetti d-dawl u t-tagħmir relatat

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodiżinn għal bozoz tad-dar li ma jitfgħux id-dawl f'direzzjoni waħda

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati fi żmien tliet 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2009 tat-18 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 244/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn ta' radjazzjoni ultravjola ta' lampi domestiċi nondirezzjonali

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2010 tal-21 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b'discharge ta' intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 643/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward

tar-rekwiżiti tal-ekodiżinn għat-televixins

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ġħandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 4/2014 tas-6 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 640/2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal muturi tal-elettriku

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ġħandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal muturi tal-elettriku + Rettifika ĠU L 46, 19.2.2011

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ġħandha tiġi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009 tas-6 ta' April 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku fkundizzjoni ta' mingħajr tagħbija u l-medja tal-effiċjenzi tal-istat attiv ta' provvisti tal-elettriku esterni, kif emendat

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 107/2009 tal-4 ta' Frar 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' disinjar ekoloġiku għal kaxxi set-top sempliċi, kif emendat

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju f'modalitā standby u f'modalitā mitfija, kif emendat

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kalaruni tal-miħan ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidji jew gassużi, kif emendat

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 643/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar, kif emendat

Skeda ta' żmien: l-iskeda għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha tīgħi determinata sal-31 ta' Diċembru 2021

Nukleari

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponenti għal radjazzjoni jonizzanti, u li tkassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien sentejn (2) mid-dħul mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbi u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv

Skeda ta' żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implementati fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim